MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2011

Appell Civili Numru. 21/2004/4

**Peter Paul u Lucy Konjugi Falzon**

**v.**

**Carmelo Aquilina**

**Il-Qorti:**

**<u>PRELIMINARI</u>**

1. Dan hu appell interpost mill-konvenut, ghal fini ta' revoka, minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Generali fit-

28 ta’ Ottubru 2008 fil-kawza fl-ismijiet premessi u li fiha kien gie deciz hekk:

“Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, tilqa’ t-talbiet ta’ l-atturi u filwaqt li tillikwida d-danni fis-somma ta’ **elfejn tmien mija u erbatax-il euro (€2,814)** tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi din is-somma. Bl-imghax mil-lum.

“Spejjez a karigu tal-konvenut.”

**<u>L-APPELL TAL-KONVENUT</u>**

2. Il-konvenut Carmel Aquilina hassu aggravat bis-sentenza surreferita u ghalhekk interpona dan l-appell fuq numru ta’ aggravji li qeghdin jigu sintesizzati kif ser jinghad:

(i) li l-appellant ma jaqbilx mal-apprezzament tal-provi li sar mill-Qorti tal-ewwel grad. Huwa jsostni li l-verzjoni tieghu dwar il-fatti kienet aktar affidabbli minn dik tal-atturi u ghalhekk kellha tipprevali u jigu milqughin it-talbiet tieghu.

(ii) li darba li gie stabbilit li x-xhieda tal-partijiet kienet wahda konfliggenti, l-ewwel Qorti kellha d-dmir illi taghti aktar piz lix-xhieda “indipendenti” li giet prodotta.

(iii) li l-pulizija ma raw xejn dwar griehi f’wicc l-attrici, kif hija allegat, u lanqas ma raw xi oggetti miksurin jew il-“pipe” li bih hija allegatament tghid li ssawtet mill-appellant – fatt li hu michud mill-appellant.

(iv) il-verita` hija li l-attriti bejn il-kontendenti kienu ilhom ghaddejjin u inoltre d-dipressjoni li suppost taffliggi lill-attrici donnha marritilha mis-sentenza ’l hawn “ghaliex issa gmielha tidhaq f’wicc il-konvenut u martu”, jissottometti l-appellant.

(v) dwar danni, jidher li sar zball fil-kalkoli mill-Qorti, billi flok din naqqset percentwal ta’ ghaxra fil-mija (10%) kif

qalet li kellu jsir minhabba hlas "*lump sum*", fil-fatt, bi zball, tnaqqsu biss tmienja fil-mija 8%.

(vi) li t-tabib Dr. Anton Grech ma kienx f'posizzjoni li jistabbilixxi percentwal specifiku ghal dan l-incident. Min-naha l-ohra, il-percentwal ta' hamsa fil-mija (5%) li gie stabbilit mill-perit mediku gudizzjarju, Dr. David Cassar, fuq "*standards* internazzjonali" baqa' ma giex spjegat sodisfacentement. Barra minn hekk, kien hemm fatturi ohrajn, ta' natura personali, li setghu affettwaw negattivament lill-istat psikiku tal-attrici u li pero` ma kellhom x'jaqsmu assolutament xejn mal-incident in ezami.

## IR-RISPOSTA TAL-ATTURI APPELLATI

3. L-atturi appellati wiegbu li s-sentenza appellata hija wahda gusta u timmerita konferma.

L-aggravji fil-fatt jirrazentaw il-frivolu u ghandhom jigu sanzjonati. Trattandosi ta' apprezzament ta' fatti, ma hemm ebda lok li dan jigi disturbat ghax mhux il-kaz. Dak li gie deciz kien ghal kollox f'loku u m'hemmx kaz ghal xi revoka.

Il-likwidazzjoni tad-danni giet ibbazata fuq ir-rata l-aktar baxxa u l-komputazzjoni kif saret ibbazata fuq tnaqqis ta' tmienja fil-mija 8% kienet wahda korretta.

Id-danni sofferti kienu b'effett tat-trawma li l-attrici sofriet in konsegwenza tas-swat li qalghet u ta' dak li nqala' waqt l-incident li sehh tort tal-konvenut.

## KONSIDERAZZJONI TA' DIN IL-QORTI

4.1. Bhala sfond fil-qosor tal-fatti jista' jinghad li bejn l-atturi appellati u l-konvenut appellant kien hemm retroxena karatterizzata b'sensiela ta' attriti u litigji u anke proceduri ohra bejniethom, komprizi rapporti reciproci mal-Pulizija. Jirrizulta mbaghad li fis-6 ta' April (u mhux fil-5 kif hemm imnizzel fl-att promotrju li in segwitu gie korrett) gie rapportat incident iehor mal-Pulizija fejn

allegatament l-atturi jghidu li l-konvenut dahal b'forza gewwa darhom u sahansitra sawwat lill-attrici b'bicca "pipe" u dan meta hija kienet qeghda tiddefendi ruhha mill-aggressjoni tieghu. Il-konvenut, min-naha tieghu, jichad kategorikament li huwa qatt sawwat jew darab lill-attrici. Jghid anzi li hu kien ilu jissapporti insulti ripetuti min-naha tal-atturi derivanti mill-fatt li huwa sofra t-telfien tad-dawl minn ghajn wahda in konsegwenza ta' incident tal-kacca. L-incident in ezami sehh gewwa jew magenb il-fond tal-atturi jigifieri fil-fond bla numru, Falzon House, Race Course Street, Nadur, Ghawdex. Il-kontendenti ma jaqblux dwar fejn gara ezattament dan l-incident jigifieri jekk hux barra jew gewwa l-fond. Il-konvenut jghid li safa' mghajjar u pprovokat mill-appellati u li kulma ghamel kien biss dak li jiddefendi ruhu. L-atturi jghidu li l-konvenut aggredihom f'darhom stess u li sawwat fuq wiccha lill-attrici u kkagunalha feriti u trawma psikologika li ghadha ssofri minnha.

4.2. L-attrici fil-fatt qeghda tallega li b'rizultat dirett ta' din il-vjolenza tal-konvenut hija waqghet f'dipressjoni li ghadha afflitta biha sal-lum u tircievi kura medika biex tikkumbattiha.

Il-perit mediku gudizzjarju stabbilixxa grad ta' dizabbilita` ta' hamsa fil-mija (5%) u dan a bazi ta' "*standards*" internazzjonali li huwa jghid li strah fuqhom.

5. Mis-suespost jidher wisq evidenti li fl-ewwel lok hawn si tratta ta' apprezzament ta' provi. Issa hija prassi ben stabbilita u pacifika ta' dawn il-Qrati li sakemm ma jkunux jissussistu raguni jew ragunijiet gravi li jiddettaw xort'ohra, din il-Qorti ta' Revizjoni ma tiddisturbax dak l-apprezzament gia` maghmul mill-Qorti tal-ewwel grad. Dan hu hekk ukoll ghaliex tkun l-ewwel Qorti li semghet u f'qaghda illi tikkontrolla x-xhieda waqt li dawn ikunu jiddeponu quddiemha u lanqas m'hu l-kaz fejn il-Qorti tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik li tkun giet kondotta fl-ewwel istanza. Dan maghdud, din il-Qorti wara li ezaminat mill-gdid il-provi akkwiziti, assolutament ma tara ebda raguni l-ghala ghandha tvarja xi haga minn kif hemm deciz. Qari akkurat tas-sentenza appellata, juri

li l-ewwel Qorti qieset sew u bil-galbu l-isfumaturi u c-cirkostanzi kollha li jemergu mill-provi u fuq bazi ta' probabbilita` strahet fuq il-verzjoni tal-fatti kif moghtija mill-appellati bhala l-aktar affidabbli u din il-Qorti hija ghal kollox konkordi maghha. Dak li effettivament jirrizulta mill-provi, imqar jekk fuq bazi ta' probabbilita`, huwa li l-konvenut, imwegga' bl-insulti li kien jircievi min-naha tal-atturi, "mar ghas-sodisfazzjon" fl-ambjenti residenzjali tal-atturi u gara dak li gara. Huwa sa certu punt immaterjali jekk l-attrici Lucy Falzon gietx imsawta b'"pipe" jew le mill-konvenut, ghar-raguni li l-"claim" principali tirrigwarda t-trawma psikologika, konsistenti fi stat ta' dipressjoni, li l-attrici tallega li waqghet fiha bhala konsegwenza diretta marbuta mal-incident *de quo*. Dak li fil-fatt ried jigi stabbilit mill-atturi kien ghalhekk jekk kienx hemm jew le in-ness ta' kawzalita` – kawza u effett – bejn l-incident imsemmi u dak li l-attrici Lucy Falzon tallega li qeghda tbati minnu. Kif tajjeb qalet l-ewwel Qorti, u wara li qieset ukoll il-fatt li l-attrici kellha diga` passat ta' stat ta' dipressjoni,
"... ... ... dan il-fatt ma jistax iwassal biex il-Qorti tiskarta l-fehma tal-perit gudizzjarju li l-incident in kwistjoni kellu effett negattiv fuq il-hajja ta' kuljum tal-attrici."

Barra mis-suespost, l-istess Qorti kienet qalet ukoll, korrettement fil-fehma ta' din il-Qorti, illi
"Il-Qorti ma tqisx ix-xenarju li pprova jpingi l-konvenut bhala kredibbli u wara li kellha l-opportunita` li tisma' lill-attrici, u lill-konvenut jaghtu x-xhieda *viva voce*, tqis li fuq bazi ta' probabbilita` l-attrici verament giet imsawta mill-konvenut."

Din il-Qorti taqbel ma' din il-konkluzjoni u jsegwi ghalhekk li dik il-parti tal-aggravju tal-appellant dwar responsabbilita` hija infondata u qeghda tigi respinta.

Dwar il-likwidazzjoni tad-danni, hemm zewg lanjanzi. L-ewwel wahda tirrigwarda l-percentwal ta' dizabbilita` ta' hamsa fil-mija (5%) u l-iehor dwar zball fil-kalkoli tal-Qorti.

Dwar l-ewwel ilment, din il-Qorti jidhrilha li, trattandosi wkoll ta' aspett tekniku, il-percentwal stabbilit mill-perit

gudizzjarju (lanqas wiehed minn dawk suggeriti) huwa accettabbli. Jekk imbaghad l-appellant deherlu li ghandu jiddomanda x'kienu sewwa sew l-"i*standards*" internazzjonali" msemmijin mill-istess espert, dan kellu kwalsiasi opportunita` li jeskuti lill-perit dwar dan il-punt pero` ghazel li ma jaghmilx uzu minn dan l-espedjent procedurali.

Dwar it-tieni ilment, jirrizulta li huwa minnu li ghalkemm l-ewwel Qorti stess dehrilha gust li taghmel tnaqqis f'percentwal ta' ghaxra fil-mija 10% minhabba hlas globali ("*lump sum*"), fil-fatt spiccat biex, probabbilment bi zvista, naqqset biss percentwal ta' tmienja fil-mija (8%). Dan ifisser li l-ammont finalment likwidat fir-realta` kellu jkun fl-ammont inferjuri ta' €2,520 (elfejn hames mija u ghoxrin ewro) u mhux dak ta' €2,576 (elfejn hames mija u sitta u sebghin ewro). Fl-istess waqt, ghandu jinghad li din il-varjazzjoni minima m'ghandha jkollha l-ebda riflessjoni fuq il-kap tal-ispejjez ghaliex tali korrezzjoni matematika setghet intalbet mod iehor mill-appellant minghajr il-htiega li jsir appell u spejjez zejda bla bzonn.

Ghal dawn ir-ragunijiet tiddeciedi billi, filwaqt li tilqa' l-appell tal-konvenut Carmelo Aquilina *in parte* u limitatament ghal dik il-parti koncernanti l-ammont likwidat in linea ta' danni b'dan illi qeghda tvarja, billi tirriduci, l-ammont finalment likwidat ghas-somma ta' elfejn hames mija u ghoxrin ewro (€2,520) minflok dak li jissemma' fis-sentenza appellata, u f'dan is-sens biss qeghda tirriforma l-istess sentenza, u kwantu ghall-bqija qeghda tikkonferma l-imsemmija sentenza billi tichad l-aggravji kollha l-ohra tal-konvenut appellant.

L-imghax ghandu jitqies b'effett mid-data tal-ewwel sentenza jigifieri mit-28 ta' Ottubru 2008 sal-hlas effettiv.

L-ispejjez taz-zewg istanzi jibqghu xorta wahda unikament a kariku tal-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------